# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. TONIO MALLIA LL.D.

## Illum, il-Hamis, 21 ta' Marzu, 2002

Citazzjoni Numru: **228/02TM**

Numru**: 28**

**Express Trailers Limited**

vs

**TMT Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' sitt t'elef mitejn u tnejn u disghin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (LM6,292.21), liema somma tirraprezenta noll u spejjez ohra relatati dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' garr ta' merkanzija li forniet is-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta u dan skond rendikont mahrug fit-22 ta' Frar, 2002 hawn anness u markat Dokument "A" kif ukoll mill-fatturi relattivi li huma hawn annessi u markati Dokument B1 sa Dokument B48;

Ippremettiet illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma komplessiva hawn fuq indikata, anke b'ittra ufficcjali datata 6 ta' Awissu, 2001 is-socjeta' konvenuta xorta baqghet inadempjenti;

Ippremettiet illi, fil-fehma tas-socjeta' attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ghall-hlas tas-socjeta' attrici;

Ippremettiet ill, ghaldaqshekk, is-socjeta' attrici tgawdi d-dritt illi tipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qieghed jaghmel;

Talbet biex tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet fuq imsemmija,

(1) Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta' l-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma kumplessiva ta' sitt t'elef mitejn u tnejn u disghin liri maltin u wiehed u ghoxrin centezmi (LM6,292.21) liema somma tirraprezenta noll u spejjez ohra relatati dovuti mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizz ta' garr ta' merkanzija li forniet is-socjeta' attrici fuq inkarigu ta' l-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Awissu, 2002 (Dokument C) kif ukoll il-mandat ta' sekwestru u il-mandat ta' qbid li gew prezentati konteswalment, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-fatturi relattivi (Dokumenti B1 sa B48) sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta li biha ammettiet it-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tas-socjeta' konvenuta, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fuq ammissjoni tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**IMHALLEF**

**D/REG**

/ja